MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru 16/2012

**Att ta' Akkuża
Nru. 16/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Kenneth Ellul**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' April 2013 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-Avukat Ġenerali appella minn parti minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-2 ta' Mejju 2013.

**2.** Kenneth Ellul kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fit-28 ta' Ġunju 2012 (nru 16/2012): (1) fl-Ewwel Kap serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu – €232.94), bil-vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl), kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (2) Fit-Tieni Kap li bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (3) fit-Tielet Kap li kkaġuna ħsara fil-gisem jew fis-saħħa ta' persuna liema hsara hija ta' natura gravi, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (4) fir-Raba' Kap, li kkaġuna ħsara fil-gisem jew fis-saħħa ta' persuna liema ħsara hija ta' natura ħafifa, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (5) fil-Ħames Kap li fil-ħin li kien qieghed jikkometti serqa kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (6) fis-Sitt Kap li mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (7) fis-Seba' Kap li volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' ħsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69), kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (8) fit-Tmin Kap b' serq ta' vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura), kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt;

**3.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tħassarha limitatament f'dik il-parti fejn laqgħet l-aħħar eċċezzjoni mqajma mid-difiża fir-rigward tal-isfilz tad-deposizzjoni tat-Tabib Mario Scerri tas-17 ta' Mejju 2012 kif ukoll l-isfilz tar-rapport redatt minnu debitament esebit ma' dik l-istess testimonjanza u minflok tiċħad l-aħħar eċċezzjoni ta' l-akkużat kif issollevata minnu b'mod illi x-xiehda mogħtija mit-Tabib Mario Scerri u r-rapport redatt u ppreżentat mal-istess deposizzjoni jitqiesu bħala xiehda ammissibbli fil-kors tal-ġuri u jibqgħu in atti u skont il-liġi; filwaqt illi (b) tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

**4.** Permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu ta' l-24 ta' Lulju 2012, l-appellat Kenneth Ellul eċċepixxa fid-disa' eċċezzjoni tiegħu:

"Illi x-xiehda mogħtija mit-Tabib Mario Scerri MD fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2012 (inserita minn fol. 480 sa fol. 484 tal-proċess), kif ukoll ir-rapport redatt u esebit minnu (a fol. 485 sa fol. 496 tal-proċess) fl-istess udjenza, għandu jiġi sfilzat. Dan stante li għad li fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali (inserit a fol. 477 tal-proċess), datat 19 ta' April 2012, saret talba lill-Qorti Istruttorja sabiex l-espert Dr. Mario Scerri jikkonsulta l-*file* mediku tal-vittma biex jirrelata ulterjorment, minn imkien mill-istess atti proċesswali ma jirriżulta xi provvediment li effettivament jilqa' t-talba sabiex jiġi estiż l-inkarigu tal-espert Dr. Mario Scerri, u dan minkejja li fl-ewwel xiehda tiegħu (a fol. 228 tal-proċess) l-istess Dr. Mario Scerri kien stqarr li ma kellu xejn aktar xi jżid ma' dak li kien irrelata."

**5.** Fis-sentenza taghha dwar din l-eċċezzjoni, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"Id-Disa' Eċċezzjoni – Ix-Xhieda tat-Tabib Dr.Mario Scerri a fol 485 sa fol 496 tal-proċess.**

**“Is-sottomissjoni tad-difiża hija li l-inkarigu ta’ Dr.Mario Scerri ma kienx estiż wara li sar rinviju tal-Avukat Ġenerali sabiex l-espert Dr.Mario Scerri jikkonsulta l-file mediku tal-vittma biex jirrelata ulterjorment.**

**“Sakemm mhux qed jaħrab xi verbal, lill-Qorti ma jirriżultalhiex li l-inkarigu tat-Tabib Dr Mario Scerri kien espressament estiż. Jidher li t-talba tal-Avukat Ġenerali kienet sabiex Dr Mario Scerri jeżamina dokumenti oħra li kienu jmorru ‘l hemm mill-kontenut tal-ewwel relazzjoni li għamel.**

**“Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ din id-disa’ eċċezzjoni u tordna l-isfilz tar-rapport esibit minn Dr Scerri ( a fol 485 sa 496) u x-xhieda li ta fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2012.”**

**6.** L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza in kwantu l-ewwel Qorti laqgħet id-disa’ eċċezzjoni ta’ l-appellat.

**7.** L-appellant jagħmel is-segwenti sottomissjonijiet dwar it-talba tiegħu:

“Illi fl-ewwel lok tajjeb li jiġi spjegat x’wassal għall-kweżit tal-Avukat Ġenerali fejn permezz tar-rinviju datat id-19 ta’ April 2012, hu talab sabiex l-*espert Mario Scerri jikkonsulta l-file mediku tal-vittma stante li l-vittma reġa’ ġie eżaminat minn Dr. Patrick Farrugia xi jiem wara l-inċident u jirrelata fuq jekk il-ksur li sab Dr. Patrick Farrugia huwiex kompatibbli mal-ġrieħi li huwa rriskontra fuq il-vittma dakinhar tal-inċident*.

“Effettivament *a tempo vergine* t-Tabib Mario Scerri kien ġie appuntat mill-Maġistrat Inkwirenti Silvio Meli, illum Imħallef tal-Qrati Superjuri ta’ pajjiżna, *<u>bħala espert mediku biex jagħmel eżamijiet mediċi neċessarji</u>*, u dan fir-rigward tal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru in konnessjoni ma’ dawn il-proċeduri. Hu kien qeda l-inkarigu tiegħu dakinhar stess tal-allegat inċident (fit-12

ta’ Awwissu 2008) fejn kien eżamina lill-vittma l-Professur Anthony Zammit fir-residenza tiegħu u kien rriskontralu diversi feriti li ġew ikklassifikati bħala ġrieħi ħfief. Sussegwentement u cioe` fil-ħmistax (15) ta’ Awwissu tas-sena 2008, il-vittma kien ġie invistat mit-tabib Patrick Farrugia li kien irrilaxxa ċertifikat mediku mmarkat bħala Dok. PF1 fl-arri proċesswali fil-konfront tal-istess pazjent *qua* l-vittma u fejn wara li kien ordna li l-vittma in kwistjoni jiġi soġġettat għal CT scan, kien irriskontralu *ksur fuq in-naħa t’isfel tal-orbita tal-għajn tax-xellug u kien hemm likwidu fin-naħa tax-xellug tal-għadma tal-wiċċ*, ikklassifikati f’termini mediċi bħala ġrieħi gravi *per durata*. In vista ta’ dan l-iżvilupp u in konsiderazzjoni tal-inakrigu debitament maħtur tat-Tabib Mario Scerri f’dawn il-proċeduri, liema nkarigu ġie kkonfermat ukoll mill-Maġistrat tal-Istruttorja permezz tal-verbal datat it-2 ta’ Lulju 2009, l-Avukat Ġenerali rrediġa r-rinviju kif indikat preċedentement. Sussegwentement fis-seduta datata t-3 ta’ Mejju 2012, jidher li nżammet seduta fejn il-Qorti Kumpilatorja ma vverbaliżżatx dak li sar jew ma sarx għajr għal min kien preżenti (il-partijiet kollha) u d-data tad-differiment tal-kawża in kwistjoni. Din ġiet segwita minn seduta oħra ġimgħa wara u debitament datata s-17 ta’ Mejju 2012 fejn iddepona mill-ġdid it-Tabib Mario Scerri u rrediġa rapport dwar *l-eżami radjoloġiku li sar fuq il-persuna ta’ Mr. Anthony Zammit nhar-il 15 ta’ Awwissu 2008 u konstatazzjonijiet Forensiċi Relevanti*. Din id-deposizzjoni u dan ir-rapport jiffurmaw il-mertu tal-eċċezzjoni difensjonali numru disgha (9) li ġiet milqugħa mill-Qorti Krijminali u li dwaru jittratta dan l-appell.

“Illi b’referenza għall-artikolu 405(1) l-Avukat Ġenerali għandu d-dritt li jitlob għal kwalunkwe xhieda jew għall-għemil ta’ mistoqsijiet jew kjarifiċi lil xhieda li jkunu diġa` ddeponew liema indikazzjonijiet **għandhom jintlaqghu** mill-Maġistrat tal-Kumpilazzjoni:

**“‘405. (1) Il-qorti, wara li tibgħat l-atti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta’ akkuża u qabel ma jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża, b’talba bil-miktub tal-Avukat Ġenera li, għandha tagħmel mistoqsijiet oħra**

**lix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu jew tisma' xhieda ġodda.'**

"Kwindi mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni waħedha diġa` huwa indikat b'mod ċar għall-aħħar li jekk issir talba mill-Avukat Ġenerali bħalma sar f'dan il-każ, b'kull rispett lejn is-setgħat u tal-awtorita` tal-ewwel Qorti u tal-Maġistrat tal-Istruttorja, dak mitlub **għandu** jiġi effettwat. Lanqas ma kien hemm xi nuqqas da parti tal-Avukat Ġenerali fil-formulazzjoni ta' dawn l-istruzzjonijiet jew fil-manjiera ta' kif dawn ġew ippreżentati fil-Qorti Struttorja. Kwindi anki d-diċitura tal-artikolu 405(2) u (3) ġew osservati *in toto*:

**"'(2) L-Avukat Ġenerali għandu, għal dan l-iskop, jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tiegħu bil-miktub, u fiha għandu jfisser fuqhiex għandu jsir l-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda.**

**"'(3) L-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda għandu jsir quddiem l-imputat, sabiex hu jkun jista' jagħmel il-kontro-eżami, u, għal dan il-ħsieb, il-qorti tordna li l-akkużat, jekk ikun arrestat, jinġieb quddiem il-qorti, u jekk ma jkunx arrestat, illi jiġi mħarrek biex jidher quddiemha.'**

"Illi b'hekk, li l-Qorti tilqa' din it-talba strettament lanqas għandha għalfejn tiġi ndikata permezz ta' verbal jew kwlunkwe mezz ieħor konsiderando li hija l-liġi li tiddetta li l-Qorti tal-Maġistrati **għandha tilqa'** kwalunkwe talba mill-Avukat Ġenerali magħmula permezz tar-rinviji. Di piu` lanqas ma jidher li kien hemm xi kontestazzjoni għall-fatt li l-Qorti Kumpilatorja tat il-fakolta` lill-espert Scerri li jixhed u li jippreżenta r-rapport tiegħu kif għamel ai termini tal-kweżit tal-Avukat Ġenerali u dan allavolja l-verbal preċedenti ma kien jindika xejn bil-miktub dwar tali awtorizzazzjoni.

"Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, kif diġa` ġie ppuntwalizzat preċedentement f'dan ir-rikors, it-Tabib Mario Scerri kien debitament maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert mediku u dan sabiex jagħmel eżamijiet mediċi neċessarji. Jingħad b'kull rispett anki fid-

dawl tal-konferma tal-Qorti Kumpilatorjata’ din in-nomina fost oħrajn kif ukoll in-natura ġenerika tad-diċitura tan-nomina *per se* kif mogħtija mill-Maġistrat Inkwirenti, li sabiex issir komparazzjoni bejn ir-rapport oriġinali tal-istess espert u r-reġistru mediku li jirrefletti testijiet li saru fuq l-istess vittma ftit ġranet wara li ġie redatt ir-rapport tat-tabib Scerri sabiex iqabbel in-natura tal-ġrieħi hemmhekk indikati, ma kienx hemm il-ħtieġa li l-inkarigu tiegħu jiġi estiż. Dan qed jingħad ukoll umilment fid-dawl tal-fatt li essendo espert maħtur jista’ jagħti opinjonijiet in konnessjoni man-nomina tiegħu fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, liema nomina f’dal-każ ma kienx strettament limitat għal eżami tal-Professur Zammit iżda kienet testendi fuq kwalunkwe eżamijiet mediċi neċesssarji. B’hekk umilment jiġi sottomess li dak li t-tabib Scerri għamel sabiex josserva l-kweżit tal-Avukat Ġenerali tirrappreżenta kontinwazzjoni tax-xogħol tiegħu fid-dawl tal-ġeneralita` tan-nomina mogħtija lilu kif rikonoxxuta wkoll mill-Qorti Struttorja.

“Illi dan l-argument huwa iktar imsaħħaħ mill-fatt li skond l-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 li tikkonċerna direzzjonijiet lill-periti maħtura, il-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-perit/i kkonċernati *kull meta jkun hemm bżonn*. Kwindi umilment jingħad li f’dan il-każ il-kweżit tal-Avukat Ġenerali kienet id-direzzjoni li l-espert Scerri kellu josserva u l-Qorti ma kellhiex il-bżonn li żżid magħha. Dan jidher anki mill-kontenut tad-deposizzjoni tal-espert Scerri li jifforma l-mertu ta’ dan l-appell u l-mistoqsijiet li l-Qorti xi kultant għamlet lill-espert minn jeddha. Di piu` u mingħajr preġudizzju jingħad ukoll illi skond id-diċitura tal-artikolu 650(6) tal-istess Kap, il-ħatra tal-periti għandha titniżżel bil-miktub u tiġi debitament notifikata lill-espert/i in kwistjoni. Dan kien effettivament sar permezz tan-nomina ta’ dan il-perit mill-Maġistrat Inkwirenti Silvio Meli llum Imħallef u din in-nomina ġiet debitament notifikata lill-espert in kwistjoni kif ukoll rikonoxxuta u adottata mill-Qorti Struttorja a folio 70 tal-proċess. Kwindi dan ikompli jsaħħaħ l-arbgument li ma kienx hem mil-ħtieġa li l-espert tabib Mario Scerri jiġi nominat mill-ġdid biex jesegwixxi dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fil-kweżit tiegħu.

“Illi dan huwa anki kkonfermat mill-intestatura tat-tieni rapport tiegħu li skond il-Qorti Kriminali għandu jiġi sfilzat minn dawn l-atti u cioe` eżami radjoloġiku li sar fuq il-persuna ta’ Mr. Anthony Zammit nhar-il 15 ta’ Awwissu 2008 u konstatazzjonijiet Forensiċi Relevanti fejn spjega ir-retroxena tal-involviment tiegħu u x-xogħol li kien għamel u l-informazzjoni ġdida li kienet waslitlu ħafna wara dwar is-CT scan magħmul tlett iiem wara li hu eżamina lill-vittma Zammit. Hu evidentement qed jorbot ir-rapport tiegħu ma’ dawn ir-riżultanzi ġodda li wara kollox jikkjarifikaw in-natura tal-ġrieħi subiti mill-vittma Zammit li huma relevanti waqt l-istadju tal-proċedura tal-ġuri. Dan ukoll jispjega għalfejn meta Mario Scerri xehed fl-istadju inizjali kien stqarr li ma kellux x’iżid mar-rapport oriġinali tiegħu fejn iċċertifika l-feriti ħfief. Li kieku kien jaf b’dawn it-testijiet addizzjonali meta xehed waqt l-inkjesta maġisterjali fis-seduta datata t-23 ta’ Jannar 2009 kif ukoll fix-xiehda tiegħu waqt il-Kumpilazzjoni fis-6 ta’ Mejju 2010, it-Tabib Scerri kien jixhed dwarhom. Tali dikjarazzjoni pero` konsiderando n-nomina wiesa tiegħu u r-rikonoxximent tagħha fil-Qorti Kumpilatorja u iktar u iktar fid-dawl tal-kweżit tal-Avukat Ġenerali li **<u>għandu</u>** jiġi osservat, ma tisatx tipprekludieh milli jżid ma’ dak ir-rapport jew li jagħti informazzjoni addizzjonali. Strettament u mingħajr preġudizzju jingħad umilment illi kieku l-espert Scerri ma ġie mitlub jagħmel xejn minn dan waqt il-kumpilazzjoni, essendo espert debitament maħtur, jista’ jiġi mistoqsi dwar dan u jagħti opinjoniiet dwar l-istess fil-kors tal-ġuri u dan indipendentement minn jekk ghamilx rapport biex jindirizza din il-kwistjoni o meno.

“Illi dejjem mingħajr preġudizzju kemm rigward ir-rapport kif ukoll dwar it-testimonjanza tat-tabib Scerri, jingħad illi sabiex din tiġi sfilzata mill-atti proċesswali trid tkun meqjusa bħala waħda inammissibbli skond il-liġi. B’kull rispett m’hemm assolutament xejn li jipprekludi lit-tabib Scerri milli jerġa’ jixhed mill-ġdid u dak li qal żgur ma setax ikun meqjus bħala inammissibbli ai termini tal-artikolu 629 *et seq.* kif ukoll l-artikoli 652 sa 657 tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre u fid-dawl ta’ dak diġa` sostnut preċedentement f’dan ir-rikors hu essendo espert debitament maħtur għandu d-dritt li jagħmel

osservazzjonijiet jew jagħti opinjonijiet relatati mal-ispeċjalizżazzjoni tiegħu skond kif mitlub mill-Qorti jew f'dan il-każ mill-Avukat Ġenerali."

**8.** Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi taqbel ma' l-Avukat Ġenerali peress illi tqis l-eċċezzjoni ta' l-appellat sempliċi tfittxija għal formaliżmu żejjed. Il-fatt illi espert ikun ippreżenta r-rapport tiegħu ma jfissirx illi ma jistax jerġa' jissejjaħ biex jagħmel analiżi ulterjuri jew jagħti opinjonijiet dwar provi ġodda li jkunu nstabu jew li jkunu tressqu.

**9.** F'dan il-każ jirriżulta illi t-tabib Mario Scerri kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli fit-12 ta' Awwissu 2008 "bħala espert mediku biex jagħmel eżamijiet mediċi neċessarji" fir-rigward tal-Professur Anthony Zammit li kien allegatament ġie aggredit fir-residenza tiegħu. It-tabib Scerri ppreżenta r-rapport tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-23 ta' Jannar 2009. Il-proċess verbal ġie ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2009 fil-Qorti Istruttorja u dakinhar stess ingħata digriet li permezz tiegħu dik il-Qorti kkonfermat in-nomina ta' l-esperti maħtura fl-inkjesta.

**10.** Issa, mir-rapport tat-tabib Scerri rriżulta illi huwa kien irriskontra biss offiżi ta' natura ħafifa. Fit-22 ta' Ottubru 2009, pero`, xehed it-tabib Patrick Farrugia li kien eżamina lill-Professur Zammit fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza, Mater Dei, fil-15 ta' Awwissu 2008 li qal illi minn CT scan tar-ras kien irriżultalu ksur fuq in-naħa t'isfel tal-orbita ta' l-għajn tax-xellug u għalhekk ikkonkluda li l-Professur Zammit kellu wkoll offiżi gravi *per durata*. Sfortunatament kien biss fid-19 ta' April 2012 li l-Avukat Ġenerali kien bagħat rinviju lill-Qorti Istruttorja fejn talab lill-Qorti "titlob lill-espert Mario Scerri jikkonsulta l-file mediku tal-vittma stante li l-vittma reġa' ġie eżaminat minn Dr Patrick Farrugia xi jiem wara l-inċident u jirrelata fuq jekk il-ksur li sab Dr Patrick Farrugia huwiex kompatibbli mal-ġrieħi li huwa rriskontra fuq il-vittma dakinhar ta' l-inċident". Effettivament it-tabib Scerri ġie nġunt biex jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja fejn stqarr illi ħadd ma kien infurmah qabel illi lill-Professur Zammit kien itteħidlu CT scan. Evidentement li kieku ġie nfurmat huwa kien jirrelata

mill-ewwel anke dwar dak li rriżulta mill-imsemmi CT scan. Jiġifieri dak li t-tabib Scerri xehed dwaru fis-17 ta' Mejju 2012 kien jaqa' fl-ambitu ta' l-inkarigu mogħti lilu bid-digriet oriġinali tat-12 ta' Awwissu 2008 li baqa' dejjem viġenti u anke kkonfermat bid-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-2 ta' Lulju 2009.

**11.** Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, u għalhekk (a) tħassarha limitatament f'dik il-parti fejn laqgħet l-aħħar eċċezzjoni mqajma mid-difiża fir-rigward tal-isfilz tad-deposizzjoni tat-Tabib Mario Scerri tas-17 ta' Mejju 2012 kif ukoll l-isfilz tar-rapport redatt minnu debitament esebit ma' dik l-istess testimonjanza u minflok tiċħad l-aħħar eċċezzjoni ta' l-akkużat kif issollevata minnu b'mod illi x-xiehda mogħtija mit-Tabib Mario Scerri u r-rapport redatt u ppreżentat mal-istess deposizzjoni jitqiesu bħala xiehda ammissibbli fil-kors tal-ġuri u jibqgħu in atti u skont il-liġi; u (b) tikkonfermaha fil-kumplament tagħha. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Kenneth Ellul.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------